MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 66

13 ta' Frar 2012

Minuti tal-Ewwel Parti tas-Seduta Nru. 66 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.3. **(Ref: T/3/3/Vol IV; T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

"9.3. *Is-Sur R. Cutajar ilmenta li d-diriġenti ta' Arriva Malta Ltd mhumiex josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija minn Transport Malta, billi r-rotot kollha qed jgħaddu minn Triq Ġorġ Borg Olivier, mhux kif kien propost mill-Kunsill, li jgħaddu biss dawk fuq ir-rotta Nru. 41. Kompla jgħid li l-karozzi tal-linja Nri. 221 u 222 lanqas m'huma qed isegwu r-rotta mogħtija minn Transport Malta. Is-Sindku fakkar li dawn huma arranġamenti temporanji, li sfortunatament qed jitħalltu ma' l-iskema tal-one-ways li qed jipproponi l-Kunsill bi prova.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 65, bl-emenda proposta aktar 'il fuq, kif wkoll li l-istess minuti għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Resurfacing* ta' toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.1.1 tas-seduta preċedenti u għarraf li ntalbet stima mill-*Contract Manager* konċernat, sabiex jiġi stabbilit kemm jista' jiġi kopert minn Triq l-Armier bis-somma ta' €350,734. Huwa qal li sad-data tas-seduta din kienet għadha ma' ġietx ippreżentata.

2.1.3. Il-Kunsill talab li għandha ssir aktar pressjoni fuq il-*Contract Manager* sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol.

### 2.2.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.2.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal artiklu li deher fil-ħarġa tal-gazzetta "Il-Mellieħa" ta' Frar 2012 paġna 10, fejn intqal li s-siġar tal-ficus li nqalgħu għandhom 'il fuq minn mitt sena. Is-Sur C. Bartolo staqsa kif dan

il-fattur ma' ġiex ikkunsidrat mill-MEPA u mid-Dipartiment tal-Agrikoltura qabel inħarġu l-permessi biex inqalgħu s-siġar fis-17 ta' Jannar 2012.

2.2.3. Is-Sindku qal li l-artiklu msemmi ma' kienx eżatt, għar-raġuni li ritratti illi ttieħdut fil-post meta ġiet inawgurata l-wasla tal-ilma fil-Mellieħa fl-1912, jidher biċ-ċar li s-siġar ma kinux hemm. Irrimarka wkoll li jeżisti ritratt ieħor illi ttieħed fl-1920, meta kien qed jinbena l-kampnar tal-knisja, illi juri li s-siġar ma kienux hemm lanqas f'dik is-sena. Is-Sur R. Cutajar stqarr li kien ser iwieġeb l-artiklu fil-gazzetta "Il-Mellieħa".

**2.3.1. Xogħlijiet fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)**

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-sottomissjonijiet li saru mill-offerenti li kkwotaw fuq ix-xogħol tar-*rubber flooring,* kienu ġew mgħoddija lill-perit inkarigat mill-proġett sabiex jagħmel ir-rapport tiegħu bil-għan li jiffaċilita` l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board*.

2.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-Bord għandu jiltaqgħa fl-20 ta' Frar 2012, kemm-il darba r-rapport ikun lest fil-ħin.

2.4.1. **Iljieli Melleħin 2012 (A/5/3/5/Vol IV)(P/10/8)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u fakkar li l-kunsilli lokali ta' Adenau, Cavriglia u Agia Napa – ġew mistiedna sabiex jipparteċipaw fl-Iljieli Melleħin 2012. Huwa qal li flimkien ma' Agia Napa, issa kkonfermaw li ser jieħdu sehem, il-kunsilli ta' Adenau u Cavriglia.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva.

**2.5.1. Arrangamenti tat-traffiku temporanji waqt ir-rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieha u introduzzjoni ta' *one-ways* bi prova fit-toroq ewlenin, fi Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)**

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u lmenta li wħud mix-xufiera tal-karozzi tal-linja fuq ir-rotot 221 u 222 qed jippersistu xorta waħda li jitilgħu minn Triq Ġorġ Borg Olivier waqt li għaddejjin x-xogħlijiet fuq Dawret il-Mellieħa.

2.5.3. Il-Kunsill irrikonoxxa li l-arranġamenti għar-rotot tal-karozzi tal-linja 221 u 222 kienu qed joħolqu nkonvenjent, iżda f'dan l-istadju mhux possibbli li jsir tibdil.

2.5.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna li l-parti l-kbira tat-traffiku li jkun ġej miċ-Ċirkewwa qed jiġbed lejn il-qalba tal-Mellieħa, minħabba li ma jkun hemm ħadd li qed jissorvelja t-traffiku fi Triq il-Marfa kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa. Dan il-fattur qed jikkawża nkonvenjent u tbagħtija, partikularment għar-residenti fix-xaqliba tal-wara l-knisja, Triq il-Mitħna l-Ġdida u Ġnien Ingraw.

2.5.5. Is-Sur R. Cutajar qabel ma' din l-osservazzjoni, u fil-fatt kien talab lil Transport Malta sabiex issaħħaħ l-infurzar. Kompla jgħid li mhix prattika li l-vetturi jintbagħtu kollha lejn Tal-Prajjet, għaliex magħhom ikun hemm ukoll residenti tal-Mellieħa, kif ukoll persuni li jeħtiġilhom jgħaddu mill-parti urbana. Appelli f'dan is-sens saru fuq il-mezzi tax-xandir.

2.5.6. Is-Segretarju għarraf li saret talba verbali minn sid ta' garaxx fin-naħa t'isfel nett fi Triq Dun Franġisk Sciberras, illi talab konċessjoni sabiex jgħaddi kontra l-*one-way* fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq l-Erwieħ u Triq Adenau. Dan meta l-vettura tiegħu tkun qed tirmunka l-karru tad-dgħajsa li fih 'il fuq minn tmien metri.

2.5.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba m'għandiex tiġi milqugħa peress li toħloq preċedent.

**2.6.1. PA 1302/06; PA 1927/06; PA 2761/06 - Żvilupp tal-barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol III)**

2.6.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal laqgħa li saret għar-residenti Ta' Masrija fit-3 ta' Frar 2012, li l-minuti tagħha tqassmu qabel l-istess seduta. Kif kien miftiehem, intbagħtet ittra ta' oġġezzjoni lill-MEPA li tirrifletti l-posizzjoni addottata mill-Kunsill, kif ukoll l-opinjoni tar-residenti espressa fil-laqgħa li saret għalihom. Is-Segretarju żied li kopja tal-istess ittra tqassmet lill-Kunsillieri u lir-residenti kollha meta ntbagħtet lill-MEPA.

2.6.3. Is-Sur R. Cutajar irrefera wkoll għal stqarrija maħruġa mill-Alternattiva Demokratika, fejn appellaw lill-MEPA sabiex tirrifjuta l-iżvilupp kif propost.

2.6.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.7.1. *Centre strip* fi Triq il-Marfa bi dritt Triq Għajn Tuta (T/3/3/Vol IV)

2.7.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-minuta 14.1.1. tas-seduta preċendenti u għarraf li wara ż-żjara li saret fuq il-post minnu u mis-Sur Jonathan Vella, id-Deputat *Chairman* ta' Transport Malta, l-istess awtorita` approvat arranġament li permezz tiegħu t-traffiku li jkun ħiereġ minn Triq Għajn Tuta għandu jitħalla jdur direttament lejn il-junction ta' Triq il-Marfa ma' Triq l-Armier billi tinħoloq *service road* li twassal f'dik id-direzzjoni. Transport Malta ser tipproċedi billi tirreferi t-tibdil meħtieġa għall-approvazzjoni tal-MEPA.

2.7.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 08/02/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/01/2011 – 08/02/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 24/12/11 – 24/01/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 25/01/12 – 06/02/12;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Abbozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2011; u
- Minuti ta' laqgħa għar-Residenti dwar l-Iżvilupp tal-Barrieri f'Ta' Masrija – 03/02/12

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Inċident fatali fiċ-Ċirkewwa fit-2 ta' Diċembru 2011 (C/8)

4.1.2. Saret referenza għal talba ppreżentata fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fejn l-eredi tal-kuntistabbli PC 73, Kurt Gauci talbu l-likwidazzjoni tad-danni lil diversi persuni u entitajiet fosthom il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, wara li l-istess Gauci tilef ħajtu meta waqa' fil-baħar bil-vettura tiegħu fit-2 ta' Frar 2012. Dan minħabba allegat negliġenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza ta' regoli ta' ħarsien u sigurta. Is-Segretarju għarraf li l-konsulent legali tal-Kunsill intalab jirribatti din it-talba peress li l-Moll taċ-Ċirkewwa ma jaqax fir-responsabilta` tal-Kunsill, a bażi tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u l-Att dwar Portijiet u Bastimenti (Kap 352). It-tweġiba tal-Kunsill ġiet ippreżentata fil-Qorti fis-6 ta' Far 2012.

4.1.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 8 ta' Frar 2012.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn il-25 ta' Jannar u t-8 ta' Frar 2012. Tressqu wkoll żewġ skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn l-24 ta' Diċembru 2012 sal-24 ta' Jannar 2012 u bejn l-25 ta' Jannar sas-6 ta' Frar 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.gov.mt..

### 7.1. Preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2011 (F/1/2/Vol VIII)

7.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur Chris Vella sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri mal-aġenda. Huwa qal li din id-darba ma kienx hemm problema biex jiġu kkomparati l-figuri, peress li s-sentejn finanzjarji involuti – l-2010 u l-2011 – ikopru tnax-il xahar kull waħda. Ġie spjegat li s-sena finanzjarja 2011 spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €171,151. Għalkemm meta dan jitqabbel mal- €246,066 tas-sena ta' qabel, il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill

baqgħet b'saħħitha, minkejja li kien hemm diversi inizjattivi li jinvolvu nefqa rikorrenti jew twettieq ta' proġetti kapitali. Għalkemm id-dħul fl-2011 żdied b'2.9% minn €1,173,048 għal €1,139,980, min-naħa l-oħra kien hemm awment fl-infiq rikorrenti ta' 11.8%, li varja minn €904,555 fl-2010 għal €1,011,648 fl-2011.

7.3. Is-Sur C. Vella aċċenna għad-dħul ewlieni li ġie mill-Gvern Ċentrali, illi kien imqassam

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €952,923 |
| Allokazzjoni Supplimentari | €39,982 |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | €23,081 |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €78,557 |
| Rilaxx tal-Għotjiet | €10,461 |

Ġie spjegat li l-ammont li jidher taħt ir-Rilaxx tal-Għotjiet (*Grants Released*) jirrappreżenta l-ammont ta' diprezzament illi kien hemm fuq proġetti kapitali li ġew iffinanzjati mill-għotjiet li kien hemm matul l-2011, bħalma huma dawk tal-*Public Private Partnership*, u l-*Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill daħħal fondi addizzjonali permezz ta' applikazzjonijiet li ssottometta, li jinkludu l-Iskema Lokalitajiet Sostenibbli, Skema dwar l-Attivitajiet Kulturali, l-EGOV4U, l-Iskema Libreriji, l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, u premjijiet relatati mal-*Green Challenge & Community Involvement Award* u Lokalitajiet Indaf.

7.4. Kontra x-xgħira ta' snin oħra kien hemm dħul li ammonta €25,325 mis-Sistema tal-Infurzar Lokali. Dan peress li ġiet xolta s-sistema mħaddma mill-Kumitat Konġunt Tramuntana u b'effett minn Settembru 2011 daħlet fis-seħħ dik imħaddma mill-Kumitat Reġjonali.

7.5. Is-Sindku aċċenna għad-dħul li kien hemm b'rizq l-attivitajiet kulturali u staqsa dwar fejn dan qed jiġi nkwadrat fl-istqarrijiet finanzjarji. Is-Sur C. Vella wieġeb li d-dħul indirizzat għall-attivitajiet kulturali kien jammonta €8,190, li ma jinkludix dħul illi jkun hemm mill-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali. Is-Segretarju qal ukoll li ovvjament il-kotba ma jurux servizzi, materjal u skonti li jingħataw *in kind* b'rabta mal-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali. Is-Sur C. Debono aċċenna għall-fatt li l-ispejjeż fuq attivitajiet kulturali żdiedu minn €51,399 fl-2010 għal €76,073 fl-2011. Is-Sur R. Cutajar fakkar li din iż-żieda rriżultat minħabba li ġew organizzati aktar attivitajiet fuq medda itwal ta' ġranet, imqabbla ma' edizzjonijiet preċedenti. Bħala eżempju huwa semma Milied Mellieħi 2011. Aċċenna wkoll li kien hemm għajnuna aktar minn snin preċedenti mill-i*sponsors* kif ukoll permezz tal-Iskema Attivitajiet Kulturali.

7.6. Il-Kunsillier P. Cutajar staqsa dwar l-*item* tal-penali u talab spjegazzjoni dwar kif irriżultaw. Is-Sur C. Vella wieġeb li t-tnaqqis li sar mill-Allokazzjoni Annwali, kien fuq direttiva mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, peress li l-istqarrijiet finanzjarji tal-2010 waslu għandu ħmistax-il jum wara data stabbilita. Huwa spjega li l-figura ta' €9,053 telgħet daqstant peress li l-Mellieħa għandha fost l-għola allokazzjoni annwali mqabbla ma' lokalitajiet oħra.

7.7. In-nefqa kapitali għas-sena 2011 kienet tammonta għal €814,579, li €728,823 minnha kienet għadha mhux kapitalizzata peress li tinvolvi proġetti li għandhom fi stat ta' kostruzzjoni, bħalma huwa l-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ, Ġnien Ħidmet il-Volontarjat, u s-*soft area* bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida, fost oħrajn.

7.8. Is-Sur C. Vella rrefera għall-paġna 4 tal-istqarrijiet finanzjarji minn fejn għall-2011 jirriżulta indikatur finanzjarju ta' 109.62%, li minkejja l-proġetti u iniżjattivi li twettqu, tjieb fuq dak tal-2010 (109.57%). Minkejja dan, il-qagħda finanzjarja baqgħet stabbli mingħajr ma kien hemm kumulu ta' flus fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill.

7.9. Wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw, is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid:

*"Billi ġie nnutat li r-reġistru tal-assi permanenti jeħtieġ li jiġi aġġornat billi jinqatgħu minnu s-seats li ġew vandalizzati fi Ġnien il-Qigħan, b'valur ta' €1,784.46, skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), regolament 41(6) u (7);*

*Billi kien hemm is-somma ta' €826 mwiegħda lill-Kunsill, bħala sponsorship lill-Kunsill b'rizq l-attivitajiet Mellieħa Gardens By Night 2008, liema ammont baqa' ma tħallasx, minkejja diversi kuntatti li saru ma' Vodafone Ltd;*

*Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2011, ġew spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom , kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2011;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li japprova r-Rapport Finanzjarju, bl-inklużjoni tal-aġġustament tal-inventarju fir-rigward tas-seats, kif ukoll l-klassifikazzjoni tal-ammont dovut minn Vodafone bħala bad debt, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Awditur Ġenerali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".*

7.10. Is-Segretarju spjega li minkejja illi kien inħareġ kont lid-ditta Vodafone Ltd dwar l-i*sponsorship* mwiegħed, l-istess kont kien jidher fuq il-kotba li baqa' ma tħallasx mill-2008, u għalhekk qed jiġi ndikat fuq l-istqarrijiet finanzjarji bħala *bad debt*.

7.11. Is-Sindku qal li dawn mhux sitwazzjonijiet aċċettabbli u minkejja illi mhux ser imeri l-metodu kif jintwera l-kont in kwistjoni, huwa ser jara l-korrispondenza li għaddiet fuq dan is-suġġett, bil-għan li jkompli jagħmel pressjoni sabiex jitħallas l-ammont involut. Is-Sur R. Cutajar esprima l-apprezzament tiegħu lis-Sur C. Vella u lis-Segretarju għall-inpenn tagħhom fit-tħejjija tal-istqarrijiet finanzjarji.

7.12. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 8.1. Sejħa għall-offerti Nru. 1/2012 dwar Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi li għalqet fis-7 ta' Frar 2012 (L/3/Vol II)

8.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fis-7 ta' Frar 2012 u kien hemm sitt offerti ġejjin mill-kuntratturi segwenti:

- Is-Sur Antoine Fenech
- North Star Cleaning Services
- Cleansing Services Directorate
- Is-Sur Salvu Attard
- Absolute Cleaners Ltd
- Euro Clean Ltd

8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jgħaddi s-sottomissjonijiet li saru lill-*Contracts Manager* għar-rapport tiegħu, qabel issir diskussjoni dwarhom fit-*Tender Adjudication Board*.

## 9.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2012 (A/5/3/1/Vol XII)

9.2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Prim Ministru u l-Kap tal-Opposizzjoni għarrfu li mhux ser ikun possibbli għalihom li jattendu għas-serata ta' Jum il-Kunsill fit-2 ta' Marzu 2012. Għall-attivita` tal-anzjani tal-Ħamis l-1 ta' Marzu saret stedina sabiex il-Quddiesa ssir mill-Isqof t'Għawdex l-Eċċ. Mario Grech.

9.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li Green MT Ltd ser tagħti *sponsorship* ta' €500 b'riżq il-*clean-up* li ser tiġi organizzata nhar is-Sibt 3 ta' Marzu. Is-Sur C. Cutajar ippropona wkoll li jixtraw trofej għall-kompetizzjoni tas-*snooker* u l-futbol li ser jiġu organizzati fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill. Ġie kkonfermat li l-*premier* tal-*musical* l-"L-Imħabba Fuq l-Għolja" ser jittella' fis-serata tal-Ġimgħa, li għaliha nkiseb permess mill-*management* tar-Radisson Golden Sands sabiex jintuża l-apparat tal-*video*, filwaqt li f'dak li huwa *audio* jeħtieġ li jiġi pprovdut mill-Kunsill.

9.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jiddiskuti n-nominazzjonijiet għall-onorefiċenzi fil-kontinwazzjoni tas-seduta fit-22 ta' Frar 2012 fis-6.00pm.

## 10.1. Programm ta' attivitajiet kulturali bl-involviment tal-għaqdiet mużikali tal-Mellieħa (K/2/53)

10.2. Is-Sindku qal li huwa kkuntattja s-Societa` Filarmonica La Vittoria, l-Għaqda Mużikali Imperial u lill-Għaqda Korali Maria Bambina sabiex jiffissaw programm ta' attivitajiet fil-lokalita` mifrux fuq sena sħiħa.

10.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jkompli jiddiskuti dan is-suġġett hekk kif jidħlu l-programmi mitluba.

### 11.1. Taħriġ dwar l-*empowerment* taż-żgħażagħ - Marzu/Mejju 2012 (Z/1/Vol V)

11.2. Il-Kunsillier H. Fenech fakkar li l-Aġenzija Żgħażagħ għaddejja bil-korsijiet imsemmija. Huwa ppropona li żewġ membri mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ tal-Mellieħa jattendu. Dan il-kors ser jiġi parzjalment iffinanzjat mill-istess aġenzija, filwaqt li jkun jinvolvi €150 għal kull persuna, li jridu jitħallsu mill-Kunsill.

11.3. Il-Kunsill approva n-nefqa proposta.

### AĠĠORNAMENT

L-ewwel parti tas-seduta spiċċat fid-9.30 pm u kien hemm qbil li l-kontinwazzjoni tagħha għandha ssir nhar l-Ħamis 23 ta' Frar 2012, fis-6.45pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |